MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 587/2003

Joe Caruana
vs
Philip Chircop & Sons Limited u b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2005 qed tissokta kontra Valley View Developments Limited, u Emanuel Sciberras

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha ippremetta:

Billi l-attur kien impjegat mas-socjeta` Philip Chircop & Sons Limited fix-xoghol tal-bini.

Billi fil-15 ta' Gunju 1999, waqt li kien qed jaghmel xoghol fil-kors ta' l-impieg tieghu, intlaqat minn musmar kbir tal-metall f'ghajnu x-xellugija. Dan gara meta l-musmar li mieghu giet stirata lenza, minhabba li dan ma kienx imwahhal sewwa u fejn suppost minn haddiem iehor - il-

konvenut Emanuel Sciberras - inqala’ u baqa’ diehel fl-ghajn ix-xellugija ta’ l-attur.

Billi fit-22 ta’ Lulju 1999 sar intervent kirurgiku fl-ghajn ix-xellugija midruba, u f’okkazzjonijiet sussegwenti kellhom isirulu interventi ohra u huwa baqa’ jircievi trattament skond kif ighidulu l-konsulenti ophthalmologici minn zmien ghal zmien.

Billi l-qaghda ta’ ghajnu x-xellugija ma seta’ jsir xejn izjed biex titjieb, u l-attur ghandu dizabilita` permanenti fl-imsemmija ghajn ix-xellugija fil-grad ta’ hamsin fil-mija (50%).

Billi l-attur tilef l-impieg tieghu b’rizultat ta’ dan il-korriment, li gara fil-kors ta’ l-impieg tieghu.

Billi l-attur sofra danni b’rizultat ta’ dan l-incident serju.

Billi dan l-incident gara kemm minhabba traskuragni u imprudenza da parti tal-konvenut Emanuel Sciberras, kif ukoll minhabba li s-socjeta` konvenuta bi traskuragni u imprudenza naqset li tassigura li x-xoghol isir *in a safe environment,* u ghalhekk hija responsabbli illi naqset li tipprovdi *a safe system of work* u *a safe place of work.*

L-attur talab lill-Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-incident in kwistjoni, li sehh fil-15 ta’ Gunju 1999 u li b’rizultat tieghu l-attur garrab hsara permanenti f’ghajnu tax-xellug, gara minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tas-socjeta` konvenuta u tal-konvenut Emanuel Sciberras.

2. Tiddikjara li b’rizultat ta’ dan l-incident serju, l-attur sofra danni konsistenti *f’damnum emergens* u *lucrum cessans.*

3. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni kollha konsegwenzjali kif likwidati u dikjarati bhala dovuti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali tat-18 ta’ Mejju 2001 u tat-8 ta’ Awissu 2002, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET TA’ PHILIP CHIRCOP & SONS LIMITED:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Philip Chicop & Sons Limited li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-okkju fic-citazzjoni ma jaqbilx mal-okkju tal-kawza u tinhtieg li ssir il-korrezzjoni opportuna. (Joe Caruana flok Joe Chircop).

2. Fit-tieni lok u in linea preliminari s-socjeta` Philip Chircop & Sons Limited ma tezistix u ilha ma tezizti mil-1998, cioe` qabel ma gara l-incident *de quo*, u konsegwentement kumpanija li ma tezistix ma tista’ taghmel xejn u konsegwentement l-azzjoni kif proposta ghandha tigi respinta.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja u fil-meritu s-socjeta` konvenuta jew kwalunkwe socjeta` li maghha kien impjegat l-attur meta sehh l-incident m’humiex responsabbili ghall-incident *de quo stante* li huma adempew l-obbligi taghhom ta’ *employers*.

4. F’kull kaz id-danni mitluba huma ferm ezagerati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` Philip Chicop & Sons Limited.

**C. ECCEZZJONIJIET TA' EMANUEL SCIBERRAS:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Emanuel Sciberras li eccepixxa:

Illi l-incident li sehh fil-15 ta Gunju 1999 m'huwa f'ebda mod imputabbli lill-konvenut Emanuel Sciberras stante l-fatt li hu ma wera ebda traskuragni jew negligenza jew nuqqas ta' harsien tar-regolamenti.

Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Saret it-talba quddiem il-Qorti biex il-kawza tissokta kontra l-konvenut Emanuel Sciberras u Valley View Developments Limited bhala aventi kawza ta' Philip Chircop & Sons Limited, u b'decizjoni ta' din il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2005, il-Qorti laqghet it-talba u a tenur ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 ordnat li l-kawza tissokta kontra Valley View Developments Limited oltre ghall-konvenut l-iehor Emanuel Sciberras.

**D. ECCEZZJONIJIET TA' VALLEY VIEW DEVELOPMENTS LIMITED:**
Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Valley View Developments Limited li biha eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-Art. 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi fit-tieni lok u fil-mertu s-socjeta` Valley View Developments Limited li maghha kien impjegat il-konvenut meta sehh l-incident m'hix responsabbli ghall-incident *de quo* stante li huma adempew l-obbligi taghhom fil-vesti ta' *employers*. Illi Valley View Developments Limited m'ghandha ebda *culpa* fl-ghazla ta' l-attur u tal-konvenut Sciberras bhala impjegati fix-xoghol *de quo* (*culpa in eligendo*) u f'kull kaz m'ghandhiex twiegeb ghall-agir tal-konvenut Sciberras (u f'kull kaz l-azzjoni hija similment preskritta fil-konfront tieghu a tenur ta' l-Art. 2153 tal-Kodici Civili);

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u *in linea* sussidjarja f'kaz li Valley View Developments Limited tinstab responsabbilta` f'xi grad, fl-eventwali komputazzjoni tad-danni Valley View Developments Limited m'ghandhiex tigi pregudikata minhabba d-dewmien li fil-kaz odjern huwa imputabbli ghall-attur li fl-incident li sehh f'Gunju 1999 intavola l-kawza f'Gunju 2003 u innotifika lil Valley View Developments Limited f'April 2005.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata minn Valley View Developments Limited.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat illi fit-23 ta' Settembru, 2003 Dr. Borg Costanzi irtira l-ewwel eccezzjoni.

Rat illi permezz ta' verbal tad-9 ta' Ottubru, 2006 Dr. Borg Costanzi minghajr pregudizzju ghar-responsabbilta` ta' l-incident, qabel li d-dizabilita` tammonta ghal 12% kif indikat mill-Professur Fenech fid-dokument esebit.

Dr. Fenech spjega li l-*present visual disability* ta' Caruana hija ta' 90% *loss of vision in the left injured eye* li hija ekwivalenti ghal madwar 20% *of the total visual system* u 12% tat-*total body disability*, u dan bazati fuq il-*guidelines* ta' l-*American Medical Association* bhala *assessment* ta' *visual disability*. Hemm certifikat ukoll a fol 80 tal-konsulent Ivan Vella ta' 85% ta' l-ghajn ix-xellugija.

Xehed il-Perit Chris Grech u semma li kien ghamel rapport fl-24 ta' Ottubru tas-sena 2005 fejn ikkwota minn ktieb tas-sengha tal-bennej fejn bennejja meta jitilghu ghal-licenzja jiehdu t-tahrig minn fuqu. Hu ikkwota dik il-parti kif ghandu jitqieghed il-gebel, kif ghandha titqieghed il-filata u kif ghandha tintrabat il-lenza biex il-gebel jitqieghed invell. Irrefera wkoll ghall-iskizz a fol 77 li turi kif ghandha tintrabat il-lenza biex jitqieghed il-gebel. Ir-rapport tieghu jaqra hekk:
"Procedura ta' kif ghandu jitqieghed il-gebel.

Naghmel referenza ghal-ktieb bl-isem 'Il-Bennej' - Taghlim dwar is-sengha tal-bini. Dan il-ktieb jintuza ghal kors fis-sengha tal-bini ghal-licenzja tal-bennej. F'pagna tmienja u erbghin (48) wiehed isib taghrif dwar it-tqeghid tal-gebel.

Nikkwota: "Bhala procedura l-bennej ghandu dejjem ixarrab il-gebel kollu qabel jitqieghed. L-ewwel m'gahndu jqieghed huma l-posti fit-truf tal-hajt jew skond in-necessita, li dawn ghandhom ikunu nvellati sewwa minn wahda ghall-ohra u ccombati tajjeb. Wara li jpoggi l-posti, jaghmel il-priza, jigifieri dik id-daqq ta' sarrieqa li din isservi biex ikun jista' jorbot il-lenza stitata li treggih ghall-gholi, id-dritt u comb tul il-filata li ser titqieghed."

Jekk wiehed jara it-tpingija ta' hajt bil-lenza wiehed jinnota li l-lenza tkun marbuta minn wara ghall-quddiem. F'certi kazi hawn bennejja li fuq wara juzaw musmar u mbaghad jdawru l-lenza xorta ghal-quddiem u jistirawha mall-posta l-ohra.

Jekk il-lenza tkun stirata zzejjed l-iktar li jista' jigri hu li tinqata' biss, pero' l-musmar qatt ma jista' jtir ghalik ghax dan ikun fuq wara u l-lenza tkun mghoddija ghal quddiem. Jekk wiehed irid jista' lanqas biss juza musmar.

Tkun prattika hazina jekk il-musmar jsir fuq barra ghax hekk jekk il-lenza tigi stirata zzejjed il-musmar jista' johrog b'sahha kbira u jista' jkorri lil min ikun qed jahdem."

Zied li ma kienx prezenti u anqas kien il-perit inkarigat mix-xogholijiet. Zied li min iqieghed il-gebel, hi haga ovvja

li jkun jafha. Min qieghed il-gebel li ghandu jkun jafha jekk tkun manwal, f’dak il-kaz hija responsabbilta` ta’ min iqieghed il-gebel li jattira l-attenzjoni ta’ min ikun qed jassisti li l-lenza tintrabat b’dak il-mod.

Xehed David Saliba, *head of technical operations* mal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` Fuq il-Post tax-Xoghol, u qal li ghamel ricerka fuq l-incident, li sehh fil-15 ta’ Gunju 1999, u qalli l-Awtorita’ sal-gurnata li fiha xehed, huwa ma jaf xejn ghax fuq id-*database* taghhom stess qatt ma giet notifikata b’din l-*injury at a place of work*.

Gie prezentat affidavit ta’ Carmel sive Lino Chircop illi jissemma li huwa d-direttur tal-kumpanija Valley View Developments Limited ta’ 115 Msida Valley Road, Birkirkara. Semma li fiz-zmien meta sehh l-incident meta wegga’ Joe Caruana hu kien impjegat mal-kumpanija Philip Chircop & Sons Limited u kumpanija ohra. Dawn it-tliet kumpaniji gew *merged* u Carmel Chircop beda jopera bil-kumpanija Valley View Developments Limited. Meta sehh l-incident, huwa ma kienx fuq il-post u personalment ma setax jghid kif gara.

Meta gara l-incident Joe Caruana kien fuq ix-xoghol flimkien ma’ Emmanuel Sciberras. Emmanuel Sciberras kien ilu impjegat mal-kumpanija ta’ Carmel Chircop minn xi tliet snin qabel ma sehh l-incident. Qabel ma accetta li jahdem mieghu (ma’ Chircop), Chircop kien accerta ruhu li kien bennej tajjeb billi kien ilu jara x-xoghol tieghu (ta’ Emmanuel Sciberras). Emmanuel Sciberras huwa bennej tajjeb hafna tant illi Chircop jiddeskrivih bhala bennej tal-knejjes ghaliex biex tibni l-knejjes trid tkun bennej mill-ahjar u tkun taf x’qed taghmel.

Sciberras ghadu impjegat ma’ Chircop sal-lum ghalkemm recentement, Chircop, fetah kumpanija gdida u l-kumpanija Valley View Developments Limited hija *dormant* u Sciberras huwa mpjegat mal-kumpanija l-gdida tieghu.

Qabel ma sehh l-incident, Sciberras u Caruana kienu ilhom snin jahdmu flimkien u Chircop jahseb anke mat-tliet

snin, billi Caruana kien impjegat mieghu qabel ma Chircop dahhal lil Sciberras.

Ghal rigward ta' kif allegatament sar l-incident, Chircop deherlu li s-sengha u n-norma tax-xoghol titlob illi sabiex bennej jaccerta ruhu li l-hajt ikun qed jinbena dritt u invellat, l-ewwel il-bennej jpoggi gebla f'kull ras tal-hajt, imbaghad isammar musmar gol-fil bejn il-filata tan-naha wahda, idawwar il-lenza mal-parti ta' fuq tal-gebla vicin ix-xifer u din il-lenza tingibed sar-ras tal-gebla l-ohra fuq in-naha l-ohra biex b'hekk din il-lenza sservi bhala gwida kemm ta' invell u kif ukoll tal-posizzjoni man-naha tal-faccata li ghandha titqieghed il-gebla. B'dan il-mod il-hajt jinbena dritt u nvellat. Din hija l-prattika li dejjem intuzat u li ghadha tintuza' sal-gurnata tal-lum mal-bennejja kollha li Chircop qatt ra jibnu.

Caruana ma kienx impjegat ma' Chircop bhala bennej izda kien impjegat bhala *labourer* u xogholu principalment kien biex ilesti x-xoghol ghal Sciberras biex imbaghad Sciberras iqieghdu. Fiz-zmien meta sehh l-incident kellu paga ta' LM4029 netti. Wara li sehh l-incident Caruana ma marx aktar ghax-xoghol u lanqas mar ikellimhom aktar. Wara l-incident huma baqghu jhallsuh dak li kienu obbligati li jaghtuh skond il-ligi u eventwalment, billi ma marx aktar ghax-xoghol, l-impjieg tieghu gie mitmum mas-sena ta' l-incident. Imbaghad Caruana qallu li ma riedx jahdem aktar fil-linja tax-xoghol li tahdem il-kumpanija ta' Chircop.

<u>In kontro ezami Carmel Chircop</u> xehed li l-kumpanija ghadha tezisti ghalkemm ghamlet *merger* mal-*Valley View Developments Limited.* Xehed li ma jidhirlux li kienu zammewlu ebda somma. Jista' jkun li zammewlu s-somma ta' *seven hundred and thirty nine* (739) bhala *overpayment* il-ghaliex bhala stat ta' fatt hu kien ha bejn wiehed u iehor dak l-ammont minghand in-*national insurance* u kif ghandhom id-dritt jaghmlu, huma jnaqqsu l-ammont li jkun gja' rcieva minghand in-*national insurance* halli b'hekk jigu kif suppost.

Xehed Emanuel Sciberras u semma li huwa kien jahdem bhala bennej u li kien jahdem minn meta kien ma' missieru. Xehed illi kien ghadu zghir f'din is-sengha u ilu xi hamsa u tletin sena jaghmel dan ix-xoghol. Xehed li meta nqala' dan l-incident, Sciberras kien jahdem mal-kumpanija ta' Chircop. Kemm kien ilu jahdem ma' din il-kumpanija, Sciberras xehed illi ma jiftakarx ezatt, pero` jaf li bejn wiehed u iehor kien ilu xi hamsa, sitt snin. Sciberras u l-attur Caruana kienu jahdmu hafna flimkien. Meta nqala' l-incident, kienu jahdmu xoghol tas-soltu u cioe` kienu qeghdin iqieghdu l-gebel, kienu qeghdin itellghu filata ohra. "ghamilna l-musmar bil-lenza u kien hemm id-daqqiet fil-kantun, f'kull naha u jien kont f'xis-sitt filata u bdejt nqieghed. Nghid li minnufih Joe qal ajma. Daqshekk li naf li gara, jien lili kull ma qalli le ilqatt ftit ghajni dak il-hin u jien ghedtlu hemmhekk hux kemm kemm ilqat ghajnek ghandek id-demm f''hajnejk. Hadnih il-polyclinic u hadnieh l-isptar u dak kien sal-incident.

"Il-lenza u l-musmar naf li nqalghu u ma baqux f'posthom. Il-lenza u l-musmar kienu taru mill-post fejn qeghdin. Xogholi huwa ta' bennej. Ghandi nghid illi l-attur kien jerfa il-gebel waqt li jien kont nqieghed."

Semma li jwahhlu l-musmar tnejn jew tliet filati 'l isfel, jaghmlu zewg qatghat bis-serrieq tmur sal-ohra u taghmel tliet qatghat, ghax wahda ghal lenza u tnejn biex torbot l-istess lenza. Zied li l-affarijiet li ghamlu kienu affarijiet li dejjem ghamlu.

Mistoqsi dwar kif kien jorbot il-lenza meta jkun qieghed jibni qal hekk:
"nghid illi naqbad tlett filati 'l isfel, mill-filati li tkun lahqet, inwahhlu musmar, sewwa? Naghti daqqa serrieqa fuq il-kantun ta' fuq, l-ewwel wiehed, tmur in-naha l-ohra taghmel il-posta, tqieghed kantun fit-tarf halli niftehemu, taghti tlett daqqiet ta' serrieqa u tistira l-lenza u torbot u Caruana jnewwilli l-gebel jekk ma jkunx ihabblu l-habel, ghalhekk inwahhlu jien mhux Caruana. Il-musmar jidhol kollu. Huwa musmar taz-zewg (2) pulzieri li dan iddahhlu fit-tajn. Ikun dejjem qieghed tlett (3) filati 'l isfel. Dwar it-tul tal-hajt li konnha qeghdin nibnu, nghid li ezatt ezatt ma

nistghax nghid pero` dejjem kien fih madwar ghoxrin (20) pied. Nghid illi jien, fil-fatt, li l-lenza tinqala, ma rajtiex. Jien kont qed inqieghed il-gebel fuq it-tajn, meta f'daqqa wahda smajt lil Caruana jaghjjat ghajta u harist biex nara x'gara. Il-lenza mxiet xi hamsa u ghoxrin (25) pied u ghaddiet minn hdejja bilfors ghaliex jien ghadni sal-lum naqleb xellug…."

Xehed Philip Chircop li semma li meta gara l-incident huwa kien *foreman* tal-kumpanija Philip Chircop & Sons Limited u li meta gara l-incident, huwa kien f'postu. Xehed illi jiftakar li Sciberras kien qed iqiegħed il-gebel u li s-sur Caruana kien qed ikellem lilu (lil Sur Chircop). Xehed li huwa u Caruana kienu 'l boghod xi seba', tmien piedi minn Sciberras. Philip Chircop kompla jghid illi l-lenza kienet mwahhla fuq il-hajt ta' l-appogg jew divizorju, pero` kienet imwahhla fuq il-hajt fejn kien qed jahdem Sciberras.

Xehed li kienu xi sitt piedi 'l barra minn fejn kien qed jinbena l-hajt (90 *degrees* minn mal-hajt). Chircop xehed li Sciberras kien fuq tavluna jqieghed il-gebel. Zied li x-xoghol li kien sar dakinhar, kien xoghol li jsir ta' kuljum. Philip Chircop kompla jixhed u jghid li meta kien qed ikellem lil Caruana, f'daqqa wahda sema lill-istess Caruana jghid 'ajma' u jmiss ghajnejh. Xehed li huma ndunaw bil-musmar u bil-lenza li kienu taru wara li fil-fatt kien inqalgha.

Rat il-verbal ta' 1 ta' Frar, 2010 li permezz ta' dan Dr. Albert Bezzina gie nominat bhala perit tekniku u r-rapport gie pprezentat fis-seduta datata 6 ta' Lulju, 2010 (anness fil-process a fol. 206 sa fol. 213) u li gie mahluf mill-istess Dr. Albert Bezzina.

Xehed Joe Caruana li mistoqsi mill-Qorti kif kienu jorbtu l-lenza wiegeb:
"jiena nghid illi …naghtu daqqa fuq quddiem u fuq wara tac-cangun, u taghmilha bis-serrieqa u hawnhekk terga' taghmel l-istess u taghmillha lill-lenza xi haga biex ma tinqalghax wara. Konna norbtu fuq il-lemin jew fuq ix-xellug skond il-kaz ta' kif jigi x-xoghol. Il-lenza mhux jien

kont norbotha, izda l-bennej. Dejjem il-bennej jorbotha, kemm meta kont inkun ma' Emanuel Sciberras, kemm ma' ohrajn. Ghandi nghid illi anka l-musmar, il-bennej kien ikun li jsammru. Fil-fatt kienu gew kostruwiti gja' xi sitt (6) filati, fil-fatt Sciberras kien qieghed wara l-hajt waqt li jien kont qieghed quddiem il-hajt. Ghandi nghid ukoll illi fil-fatt, wara erba' (4) filati 'il fuq, trid tarma biex titla' 'l fuq u Sciberras bilfors li kien qieghed 'il fuq. Kien iqieghed il-gebel il-wieqaf fuq il-hajt li kien qieghed jinbena. Sat-tarf tal-lenza kien hemm xi ghoxrin (20) pied. Ahna konnha gja qeghedna xi gebel. Din tal-lenza u tal-musmar inqalghat wahedha, hadd ma laqatha. Gie bil-lenza b'kollox. Fejn kont qieghed jien ghal fejn kien imwahhal il-musmar kien hemm ghoxrin (20) pied. Illi l-lenza tkun marbuta minn zewg nahat u giet ghat-tarf l-iehor fejn kont qiegherd jiena. Fejn kont qieghed jien ma kienx hemm musmar. Qadt l-istess l-istess livell fejn kien qieghed jitqieghed il-gebel."

**F. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>F1. Fatti fil-qosor:</u>***
Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala manwal u kien qed jahdem flimkien mal-bennej Emanuel Sciberras. Kien hadem mieghu diversi drabi. Huma kienu qieghedin itellghu hajt tal-kantun u fil-fatt Joe Caruana kien ghadu kif pogga l-kantun fuq il-hajt wieqfin biex imbaghad iqieghdom Emanuel Sciberras. Kien Sciberras li jorbot il-lenza biex johrog il-livell u c-comb.

Issammar musmar u ntrabtet lenza mieghu u din dawwret mal-kantun wara li nqatghu xi sinjali fil-kantun halli l-lenza ma timxix (priza). Musmar tat-tnejn kien imwahhal fit tat-tajn tliet filati aktar l-isfel. Hin minnhom tar il-musmar ghax inqalghet il-lenza. Fi kliem l-attur kien xi ghoxrin pied 'l barra mill-hajt u ghoxrin pied 'l boghod mir-rabta (li jaghmel sens aktar minn versjonijiet ohra ghax il-lenza li tinqala' timxi arku) u laqghat lill-attur f'ghajnejh li b'rizultat ta' dan sofra griehi ta' natura permanenti li skond ic-certifikat ta' l-espert tekniku gew stmati fi grad ta' 16%. Illi fiz-zmien ta' l-incident l-attur kellu paga netta ta' Lm4,209 ekwivalenti ghal €9,804 fis-sena.

***F2. Decizjoni tat-18 ta' Jannar, 2005:***
Din il-Qorti fit 18 ta' Jannar, 2005 iddecidiet hekk:

"Fil-kaz in ezami l-attur qieghed jitlob li l-kawza tissokta kontra l-konvenut Emanuel Sciberras u s-socjeta` konvenuta Valley View Developments Limited li bhala l-aventi kawza ta' Philip Chircop & Sons Ltd assumiet l-obbligazzjonijiet li din ta' l-ahhar kellha jew seta' jkollha. Fl-1 ta' Jannar 1998 is-socjeta` Philip Chircop & Sons Ltd giet fuza mas-socjeta` Valley View Developments Limited. Dan ifisser li l-merger sar qabel ma giet intavolata l-kawza kif ukoll l-incident ***de quo***. Izda l-attur isostni li fl-ittra tas-socjeta` GasanMamo indirizzata lill-konsulent legali tal-attur jinghad il-kliem *"we confirm that Philip Chircop & Sons have made an Employers' Liability Claim with our company".* Ukoll isostni li f'Novembru 1999 l-attur kien ghadu qed jircievi l-paga tieghu minghand Philip Chircop & Sons u fil-fatt esebixxa dokument li jinsab a fol 29 tal-process datat 20 ta' Dicembru 1999 riferibbli ghall-*overtime* u paga ta' l-attur. Ukoll fid-19 ta' April 2000 intbaghat cekk lill-attur minn kont bankarju "Valley View Developments Limited A/C Philip Chircop & Sons".

Meta wiehed ihares lejn l-artikolu 343 (1) u (2) tal-Kap 386 isib:
"343. (1) Amalgamazzjoni ta' zewg kumpanniji jew izjed tista' ssir jew –
(a) b'ghaqda b'akkwist; jew
(b) b'ghaqda bil-formazzjoni ta' kumpannija gdida.

(2) Ghaqda b'akkwist hija l-operazzjoni li biha kumpannija (f'din it-Taqsima msejha "il-kumpannija li takkwista") takkwista l-attiv u l-passiv kollu ta' kumpannija ohra jew kumpanniji ohrajn (f' din it-Taqsima msejha "il-kumpanniji li jkunu se jigu akkwistati") bi bdil ghall-hrug lill-azzjonisti tal-kumpanniji li jkunu se jigu akkwistati ta' azzjonijiet fil-kumpannija li takkwista u hlas bi flus, jekk il-kaz, ta' mhux izjed minn ghaxra fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk mahruga."

Ghalhekk sar akkwist ta' l-attiv u l-passiv kollu tal-kumpanija Philip Chircop & Sons bi bdil ghall-hrug lill-

azzjonisti tal-kumpanija li akkwistat azzjonijiet fil-kumpanija. Fil-fatt kien hemm fuzjoni bejn Philip Chircop & Sons Ltd u Valley View Developments Limited. Huwa veru li b' din l-amalgamazzjoni l-kumpanija Philip Chircop & Sons giet assorbita izda d-drittijiet u obbligazzjonijiet taghha gew kollha assunti mill-kumpanija Valley View Developments Limited.

H. KONKLUZJONIJIET:
Minhabba l-emenda li kienet saret fl-artikolu 175 tista' ssir is-sostituzzjoni ghax dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza. Tali emenda ghalhekk hija fatali ghall-verzjoni tal-konvenut, u ghalhekk tali korrezzjoni kif mitluba, tista' tigi akkordata, u qed tigi akkordata skond l-Artikolu 175 tal-Kap 12.

Illi ghalhekk, in vista tal-premess, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba ta' l-attur. Konsegwentement ghalhekk il-Qorti qeghda tordna a tenur ta' l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kawza tissokta kontra Valley View Developments Limited oltre ghall-konvenut l-iehor Emanuel Sciberras. Naturalment hemm bzonn ta' notifika gdida tac-citazzjoni kif korretta lil Valley View Developments Limited li naturalment ikollha l-fakulta` tipprezenta s-solita nota ta' l-eccezzjonijiet.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali."

***<u>F3. Philip Chircop & Sons Limited:</u>***
Illi s-socjeta` Philip Chircop & Sons Limited wiegbet ghat-talbiet ta' l-attur li in linea preliminari s-socjeta` *Philip Chircop & Sons Limited* ma tezistix u ilha ma tezisti mill-1998, cioe` qabel ma gara l-incident *de quo*, u konsegwentement kumpanija li ma tezistix ma tista' taghmel xejn u konsegwentement l-azzjoni kif proposta ghandha tigi respinta. Jigi osservat li l-attur ipprezenta *wage slips* u korrispondenza fejn is-socjeta` Philip Chircop & Sons Limited baqghet tohrog il-paga lill-attur Joe Caruana u tikkorrispondi fuq il-kaz taht l-isem "*Philip Chircop & Sons Limited*."

Ikkunsidrat illi hawn ghandna kaz ta’ Valley View Developments Limited bhala l-aventi kawza ta’ Philip Chircop & Sons Ltd li ghalhekk assumiet l-obbligazzjonijiet li din ta’ l-ahhar kellha jew seta’ jkollha. Fl-1 ta’ Jannar 1998 is-socjeta` Philip Chircop & Sons Ltd giet fuza mas-socjeta` Valley View Developments Limited. Irrizulta li fil-bidu (zmien ta’ l-incident daqqa kien jintuza isem u daqqa iehor. F’Novembru 1999 l-attur kien ghadu qed jircievi l-paga tieghu minghand Philip Chircop & Sons u fil-fatt esebixxa dokument li jinsab a fol 29 tal-process datat 20 ta’ Dicembru 1999 riferibbli ghall-*overtime* u paga ta’ l-attur. Ukoll fid-19 ta’ April 2000 intbaghat cekk lill-attur minn kont bankarju “Valley View Developments Limited A/C Philip Chircop & Sons”. Irrizultat fuzjoni bejn Philip Chircop & Sons Ltd u Valley View Developments Limited, b’mod li d-drittijiet u obbligazzjonijiet taghha gew kollha assunti mill-kumpanija Valley View Developments Limited. Il-Qorti kienet hasset il-bzonn ta’ notifika gdida tac-citazzjoni kif korretta lil Valley View Developments Limited biex taghti d-dritt lill-Valley View Developments Limited li tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet mill-angolu taghha. L-asserzjoni tas-socjeta` Valley View Developments Limited li jirrizulta ampjament illi din il-kumpanija ma teziztix u ma toperax u waqfet qabel il-presentata tac-citazzjoni u konsegwentement hija legalment inezistenti mhix korretta ghax hi wirtet l-attiv u passiv tad-ditta Philip Chircop & Sons.

***<u>F4. Kap 16 – Art 2153 – Preskrizzjoni:</u>***

Is-socjeta’ Valley View Developments Limited eccepiet preliminarjament li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Semmiet li hi giet notifikata f’April 2005 u ipprezentat nota ta’ eccezzjonijiet fit-3 ta’ Mejju 2005. L-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jippreskrivi li l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat m’huwiex ikkagunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni b’gheluq ta’ sentejn.

Dan l-artikolu li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew “*culpa*” extra kontrattwali kif imsejha komunement “*Culpa Aquiliana*”. Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-

sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta Ottubru 1959 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II- 789, il-Qorti rriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistghu jigu reklamati a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.
Fis-sentenza msemmija jinghad:
“Illi skond il-gurisprudenza taghna, l-artikolu nvokat u l-preskrizzjoni opposta msemmija fih jirrigwardaw danni derivanti minn htija jew “*culpa*” extra-kontrattwali, jew, kif tissejjah komunement, “*Culpa Aquiliana*”. Fi kliem iehor, hija applikabbli ghad-danni li jitnisslu minn delitti fis-sens civili u kwazi-delitti (ara Appell “**J. Camilleri vs Dr. Frendo**”, 22 ta' Frar 1889; Vol. XII, pag. 144: Kummerc “**Calafato vs Muscat**”, 5 ta' Frar 1893; Vol. XV pag. 44; P.A. Civili “**Similiana vs Fenech**”, 14 ta' Frar 1900, Vol. XVII, p. 180; Appell “**Scicluna vs Trany**”, 22 ta' Gunju 1900, Vol. XVI, P.I. pag. 151; Kummerc “**Attard vs Zerafa**”, 24 ta' April 1906, Vol. XIX-III-106; Appell “**Dr. Buhagiar vs De Nicola**”, 30 ta' Jannar 1911, Vol. XXI-I-529; Appell “**Dr. Galea Naudi vs Zammit**”, 9 ta' Marzu 1925, Vol. XXVI-I-54; P.A. Civili “**Vella vs Fenech**”, 7 ta' Dicembru 1927, Vol. XXVI-II-515; Appell “**Tonna vs Smith**”, 7 ta' Novembru 1932, Vol. XXVIIII-I-726; u ohrajn);

Illi jinghad ukoll li tant id-dottrina kemm il-gurisprudenza lokali stabbilew li din il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih (ara Appell 30 ta' Mejju 1952, “**Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle McCance**”, Vol. XXXVI-I-133; Appell 22 ta' Gunju 1900, “**Scicluna nomine vs Trany nomine et**” fuq citata; Kummerc 31 ta' Jannar 1935, “**Michele Mifsud vs Eugenia Buhagiar**”, Vol. XXIX-III-92; Pugliese, Parte II,

La Prescrizione Estintiva, para. 63; Laurent, Dto. Civile, Vol. XXXII, para. 15; Baudry, Vol. XXVIII, Prescrizione, para. 380)…"

Ara wkoll f'dan is-sens LFS: **Maltacom p.l.c. vs Mizzi Alfred *et*** 1/6/04.

Mix-xhieda ta' David Saliba, *Head of Technical Operations* mal-Awtorita` tas-Sahha u Sigurta` fuq il-Post tax-Xoghol, semma li ma hemm l-ebda proceduri kriminali fir-rigward ta' dan l-incident. Minhabba li Valley View Developments Limited saret parti fil-kawza f'Jannar 2005 u giet notifikata f'April 2005 l-istess socjeta` tinsisti li l-azzjoni kontra taghha hija preskritta. Izda minhabba dak li inghad hawn fuq taht F2 u F3 dan ir-ragunar ma jistax jigi milqugh. L-istitut tal-preskrizzjoni mhux qieghed hemm biex wiehed jirnexxilu jsib sistema kif jahdem lill-iehor izda ghal skopijiet ohra. Permezz tal-fuzjoni s-socjeta` Valley View Developments Limited wirtet l-attiv u passiv, drittijiet u obbligi ta' Philip Chircop & Sons.

Kif inghad fin-nota ta' l-attur:
"Izda mhux il-kaz li tapplika l-preskrizzjoni fil-kaz ta' *merger* jew *amlgamation,* peress li s-socjeta` precedenti Philip Chircop & Sons Limited <u>ghandha fil-kawza taht sura u taht isem gdid.</u> *Punto e basta*. Izda mhux konncepibbli dak li qed jinghad mill-kontroparti li t-talbiet attrici m'humiex preskritti fil-konfront ta' Philip Chircop & Sons Limited izda huma preskritti fil-konfront ta' Valley View Developments Limited, u dan ghaliex iz-zewg entitajiet iridu skond il-ligi dwar *mergers* u *amalgamations* jigu ttrattati <u>*'quid unum'*</u>."

***<u>F5. Kaz fortuwitu:</u>***
Il-konvenuti ippruvaw fil-kors tal-kawza, fin-noti u fit-trattazzjoni ippruvaw iqabbdu duffrejhom fuq l-element tal-kaz fortuwitu. L-artikolu 1029 Kap 16 jipprovvdi li:
"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara".

Izda diversi drabi gie ritenut li l-kaz fortuwitu ma jehlisx mir-responsabilita` ghad-danni jekk ikun precedut minn htija ta' min ikkaguna d-danni. Ara "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech *et***", Prim'Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938. Infatti l-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pozittiv jew negativ, tal-bniedem. Skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-"*bonus pater familias*".

Persuna ma tistax semplicement tistrieh fuq il-kaz fortuwitu, jew forza magguri jew stat ta' necessita` biex tiskolpa ruhha mill-htija meta tezisti l-kolpa antecedenti'. (Ara decizjonijiet ta' danni minn arma tan-nar waqt kacca - **Raymond Sammut vs Anthony Micallef** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2008 (817/1999/1) PA – Imhallef G. Valenzia, u **Carmela Fenech *pro et noe* vs Antonio Galea** deciza fl-24 ta' Mejju 1954 mill-Qorti ta' l-Appell, u s-sentenza fl-ismijiet **Mikiel Refalo *pro et noe* vs Pawlu Curmi** deciza fit-13 ta' Jannar 1988 deciza mill-Qorti ta' l-Appell.

Il-Qorti tikkwota mis-sentenza fl-ismijiet **Paul Vassallo *et* vs Carmelo Pace** moghtija fil-5 ta' Marzu 1986 (Qorti ta' l-Appell, Vol. LXX.ii.143). F'din jinghad:
"… min jallega li dak li gara kien dovut ghall-*inevitable accident*…., fejn qed jghid li dak li gara kien dovut ghal *casus* ghandu l-obbligu li jippruvah. Dan il-principju.. gie mehud mid-dottrina u gurisprudenza Ingliza. L-awtur Charlesworth, The Law of Negligence, pagna 512, josserva: '*The burden of proof of inevitable accident is upon the defendant or the other person setting it up*.'"

***<u>F6. Responsabbilta` tas-socjeta konvenuta bhala employer:</u>***
Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet **Paul Grech vs Carmelo Bugeja *et*** deciza fid-9 ta' Ottubru, 2006 minn din il-Qorti kif presjeduta inghad:
"Id-doveri ta' sid ta' entrapriza biex ihares is-sahha ta' l-impjegati tieghu huma li:

A. il-haddiema ghandhom jahdmu f'post tax-xoghol li ma jkunx perikoluz taht ic-cirkostanzi tat-tip ta' xoghol [*safe place of work*];
B. il-mod kif isir ix-xoghol [bhala sistema] m'ghandux ikun wiehed perikoluz [*safe system of work*]; hemm erba' elementi li jirrendu *a system of work unsafe* –
*a. that the defendant's operations involved a risk of injury which was reasonably forseeable;*
*b. that there were reasonably practicable means of obviating such risk;*
*c. that the plaintiff's injury was caused by the risk in question;*
*d. that the failure of the defendant to eliminate the risk showed a want of reasonable care for the plaintiff's safety;*
C. il-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li s-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu;
D. il-haddiema jkollhom ghodda li ma twassalx ghal perikolu [*safe tools and proper machinery*];
E. il-haddiema ghandhom ikunu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li qed jaghmlu [*properly skiller workers*];
F. min ihaddem m'ghandux iqabbad lill-haddiema tieghu jaghmlu xoghol li mhux soltu jaghmlu u li ghalih ma kellhomx stharrig; hu importanti wkoll li wiehed jara kemm ilu jahdem f'dak it-tip ta' xoghol il-haddiem;
G. ir-responsabbilta` tas-sid tizdied jekk il-haddiem jirrileva xi perikolu involut u s-sid jinjora dan il-fatt;
H. il-haddiema ma ghandhomx ikun traskurati b'mod li jzidu l-perikolu;
I. kull min jimpjega haddiema ghandu l-obbligu li jonora l-ligi generali tal-pajjiz."

Ukoll fil-kawza deciza minn din il-Qorti per Imh. D. Scicluna fil-kawza fl-ismijiet **Grezzju Portelli vs Godfrey Leone Ganado ghan-nom tal-Enemalta Corporation *et*** deciza fil-15 ta' Dicembru, 2005 inghad li:
"Kwantu mbaghad ghat-Telemalta, kull employer huwa obbligat jipprovdi *a safe system of work*. Hawn, in-nuqqasijiet tat-Telemalta huma evidenti: la kienet tipprovdi

xi forma ta' *safety equipment*, ma ntalbitx is-sospensjoni tad-dawl sakemm isiru x-xoghlijiet u lanqas kienet tipprovdi *training* adegwat ghal xoghol li talvolta seta' jkun perikoluz (ghalkemm f'dan il-kaz l-attur kien ilu jahdem f'dan ix-xoghol madwar tnax-il sena u ghalhekk kellu esperjenza sostanzjali tant li mill-provi rrizulta li qatt ma kellu incidenti ohra)."

L-istess principju nsibuh fil-kawza **Gauci vs Korporazzjoni Enemalta**, deciza fl-10 ta` Ottubru, 2006 fejn inghad:
"qabel ma jintbaghat haddiem jahdem fuq sit, minn ihaddem ghandu obbligu "li taghmel ezami jew spezzjoni semplici sabiex tara minn qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xoghol huwa wiehed *safe*".

Issa fil-kaz in ezami jidher li s-socjeta` konvenuta ma dahhlitx nies li ma kinux tas-sengha. Kemm l-attur kif ukoll Emmanuel Sciberras kienu nies tas-sengha. Ma kellhomx bzonn ta' tahrig specjali. Ma rrizultax li ma kinux liebsin kif suppost u ghalkemm mistoqsi jekk jilbsux *protective glasses* l-konvenut irrisponda li le, kulhadd jaf li dawn ma jintlibsu minn hadd mill-bennejja. Il-post tax-xoghol ma kienx perikoluz u lanqas ma kien hemm xi *forseeable injury*. Lanqas ma kien hemm *reasonably practicable means of obviating such risk.* Ma kienx kaz *that the plaintiff's injury was caused by the risk in question.*

Huwa veru li l-fatt li l-mod kif isir ix-xoghol ilu stabbilit ghal zmien twil ma jfissirx necessarjament li s-sistema hija necessarjament wahda li ma fihiex perikolu. Jekk il-konvenut u l-attur ma rabtux il-lenza sew, dan mhux tort tas-socjeta` konvenuta u dan billi ma kien hemm xejn hazin fil-metodu fih innifsu izda jekk kien hemm xi haga hazina, din kienet biss fl-attwar ta' l-istess metodu – agir li certament m'ghandiex tirrispondi ghalih is-socjeta` konvenuta. Dak li gara ma kienx dovut ghal xi ghodda perikoluzi. Ukoll il-haddiema kienu mghallma tajjeb ghat-tip ta' xoghol li kienu qed jaghmlu [*properly skiller workers*].

Ghal dawn il-motivi ma ssibx htija fis-socjeta` konvenuta.

***F7. Responsabbilta` ta' Emmanuel Sciberras:***

Sciberras sostna li l-mod kif kienu qeghdin jahdmu l-attur u l-konvenut Sciberras kien wiehed normali kif dejjem isir. Ma kien hemm xejn barra minn tas-soltu u l-metodu kien wiehed normali.

Issa irrizulta li l-attur wegga' fil-kors ta' l-impieg tieghu meta ntlaqat minn musmar kbir f'ghajnu x-xellugija liema musmar kien gie imwahhal fit-tajn mill-konvenut Emmanuel Sciberras. Dan gara meta l-musmar li mieghu giet stirata lenza, minhabba li ma kienx gie mwahhal sewwa u fejn suppost jigi mwahhal korrettement, mill-konvenut Emmanuel Sciberras inqala', tar arku u spara l-barra bit-tul li kellha l-lenza u baqa' diehel fl-ghajn ix-xellugija ta' l-attur.

Dan l-incident gara kemm minhabba traskuragni da parti tal-konvenut Emanuel Sciberras. Wiehed irid jara c-certifikat tal-Perit Grech liema certifikat kellu tliet (3) dokumenti annessi mieghu (Dok. AC1 sa Dok. AC4). Ic-certfiikat hu datat 24 ta' ottubru 2005 (fol.75). Dan hu kwotat fuq max-xhida tal-Perit. Ma hemmx prova definita ghaliex inqala' l-musmar izda dan irid ikun jew ghax il-lenza ma twahhlitx tajjeb jew ghax iccipjat il-qatgha tal-priza, u l-musmar jew kien imwahhal fuq quddiem tal-kantun, jew fil-vertikali jew mhux fil-fond bizzejjed tal-fil orizzontali. Taht kwalunkwe kaz jahti ghal dan Emmanuel Sciberras. Irrizulta li l-attur ma kienx involut fl-irbit tal-lenza. Ma giet pruvata ebda htija kontributorja ta' l-attur.

***F8. Lucrum cessans:***

L-Artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili [Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta] jistipula kif ghandhom jitqiesu d-danni:

"Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u

t-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta’ jgib.”

Ghalhekk il-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina t-telf ta’ qligh futur minhabba l-inkapacita`, it-telf ta’ paga jew qligh iehor attwali li jinkorri fih id-danneggjat; u dak it-telf ta’ qligh futur, ossia *lucrum cessans,* li d-danneggjat ikun prekluz li juzufruwixxi minnu minhabba l-event sinistru kawza ta’ l-eghmil dirett tad-danneggjant.

***F9. Multiplier:***

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley vs Edward u Lydia konjugi Restall** - Citazz. Nru.: 154/02FS inghad:

“Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta’ likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta’ Dicembru, 1967. F’dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-"*chances and changes of life*", b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda l-figura uzata ghall-iskop tal-*Multiplier* mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta’ April, 1963 kienet qalet:

"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell Civili Superjuri fit-3 ta’ Dicembru, 2004 intqal:

"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-'*multiplier*' adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa pjuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-'*multiplier*' u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala '*lucrum cessans*' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-*multiplier* adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15-il sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20

fil-kaz ta’ persuna ta’ 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta’ 20 fil-kaz ta’ persuna ta’ 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta’ 25 fil-kaz ta’ persuna ta’ 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta’ 26 fil-kaz ta’ persuna ta’ 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta’ 30 fil-kaz ta’ persuna ta’ 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta’ 35 fil-kaz ta’ persuna ta’ 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta’ 36 fil-kaz ta’ persuna ta’ 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta’ *Multiplier*. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta’ *multiplier* kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita` taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta’ certu uniformita` f’dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf minn qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta’ *insurance* ikunu jistghu jirreferu ghaliha tkun ta’ utilita` kbira. Ghalhekk il-Qorti kif presjeduta sejra tuza c-*chart* hawn taht:

| **Eta' Vittma** | ***Multiplier*** |
|---|---|
| | Massimu |
| 0 - 15 | 40 |
| 16 - 20 | 37 |
| 21 - 25 | 35 |
| 26 - 30 | 30 |
| 31 - 35 | 25 |
| 36 - 40 | 20 |
| 41 - 45 | 15 |
| 46 - 50 | 13 |
| 51 - 55 | 11 |
| 56 + | 5 jew anqas |

Issa l-attur Joseph Caruana twieled fis-17 ta’ Marzu 1953 u kellu 46 sena meta sehh l-incident in kwistjoni fil-15 ta’ Gunju 1999. Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi, inkluz l-eta` tar-rikorrenti meta sar l-incident – 46 tqis li ghandha tadopera *multiplier* ta’ 13 ghall-kaz in ezami.

***F10. Flus mhux dikjarati fl-Income Tax Return FS3:***

L-attur fin-nota tieghu jargumenta hekk:

“Hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-paga li kien qed jippercepixxi. Il-Basic Weekly Wage kienet Lm73.25. Mal-paga ta’ Lm146.50 (€341.25) kull hmistax-il gurnata, Joe Caruana kien jircievi wkoll regolament is-somma ta’ Lm60 (€139.76) deskritta mill-*employer* stess bhala ***Post Tax Additions*** (kif jirrizulta mill-*payslips)..*

Ghalhekk il-paga ta’ l-attur kienet tammonta ghal Lm146.50 kull hmistax (Lm73.25 bhala *Basic Weekly Wage* + Lm60 kull hmistax = Lm206.50 kull hmistax). Skond l-FS3 ghas-sena 1999 (tenut kont illi huwa wegga’ gravement fil-15 ta’ Gunju 1999), huwa rcieva Gross Emoluments ta’ Lm4495 (Dok.XR).”

Il-Qorti thoss illi l-allegati *post tax additions* huma metodu ta’ kif l-attur kien qieghed idahhal xi flus minghajr ma jhallas taxxa fuqhom u jekk jigu inkluzi u konsiderati minn din il-Qorti, hija tkun qed tkun kompartecipi f’kalkolu ibbazat fuq att illecitu. Anqas ma l-Qorti ghandha tassisti jekk flus ma gewx dikjarati kif suppost. Dan iwassal lill-Qorti biex ma tqisx dawn il-*post tax additions* ghall-iskop tal-komputazzjoni.

Meta wiehed izid ta’ xi *overtime* u jaqleb ghall-Ewro l-ammont li l-attur kien regolarment jippercepixxi u jiddikjara ser jitqies €9000.

***F11. Paga u gholi tal-hajja:***

Spiss li l-Qrati uzaw il-paga minima fejn ma kienx facli li l-Qorti tasal biex tistabbilixxi xi figura ohra. Izda fil-kaz in ezami ghandna r-rikorrent kien qed jaqla’ salarju *gross average* ta’ €9,000 riferibbli ghas-sena bazi 1999. Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’€303.78 kull sena. Dan ifisser li kull sena l-paga kienet ser tizdied

b'€303.78 ghal 13-il sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju fid-data ta' l-incident (€9000) u dak tal-ahhar salarju (€3,949.14 + €9000 = €12949.14) ossia €9000 + €12949.14 /2 = €10974.57] u jwassal ghal €10974.57.

***F12. Dizabilita`:***

Hawnhekk il-Qorti trid tqis il-persentagg ta' dizabilita` li ssofri l-vittma bhala konsegwenza ta' l-incident, b'mod li tqis in-nuqqas fl-*individual industrial efficiency* ta' l-attur. Infatti, kif gie ritenut f'**Butler vs Heard**:

"Dak li jrid jigi stabbilit ma huwiex il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qligh tad-danneggjat. Ir-riduzzjoni effettiva tal-qligh tista' ma tikkorrispondix mal-grad ta' menomazzjoni fizika tad-danneggjat kalkolat mit-tabib."

Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol**, deciza fit-30 ta' Marzu 1993 (1098/89JSP) per Imhallef J. Said Pullicino; u **Xuereb vs Spalding *et***, deciza mill-Prim'Awla, Imhallef J. R. Micallef, fl-10 ta' Lulju 2003, Citazz. Nru. 1857/01JRM, pagna 8 *et*; u tezi "*Quantum of damages in Injury Claims*", Carmel A. Agius – *The method of assessing the degree of the incapacity caused*, pagna 125.

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg *pro et noe* vs Muscat**:

"l-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn"

U ghalhekk il-principju applikabbli huwa *restitutio in integrum*.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:

"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba

l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' linkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."

Issa, hu car ukoll li a bazi tal-ligi taghna kwantifikazzjoni tad-danni bil-fors tibqa' f'latudini wiesgha u diskrezzjonali tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm jezistu principji dawn certament ma humiex assoluti (ara f'dan is-sens **Bottone vs Saliba** pagna 9; u **Joseph Borg vs Dr. Arturo Valenzia *nomine***, Prim'Awla, 9 ta' Gunju 1972; u **Bugeja vs Borg**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 11 ta' Mejju 1983).

It-**Torrente** fil-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Privato*, 11 Ed. pag. 652 jikteb:
"*la valutazione del danno puo` essere particolarmente laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E` giusto, pertanto, che al giudice sia attribuito in materia in quando le parti non riescano a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo*";

Mir-rapport mediku ta' Dr Albert Bezzina tirrizulta total percentage disability ta' 16% [fol 210]. Dr. Thomas Fenech wasal 90% *loss of vision in the left eye equivalent to around 20%loss of the total visual system and 12% total body disability [fol 79].* Mr Ivan Vella wasal ghall-konkluzjoni ta' *visual disability of 85% in the left eye.*

DEBILITA` F'GHAJN WAHDA
Id-debilità globali ghandha tinhadem skond formula li kienet approvata mill-Qorti ta' l-Appell f'sentenza moghtija fl-4 ta' Dicembru 1998 *in re* **Gasparre Xuereb *versus* Sammy Meilaq *et nomine***. Dik il-formula tqis illi, billi l-ghajn it-tajba taghmel tajjeb ghan-nuqqas fl-ghajn il-korruta, id-debilità globali ma ghandhiex tinhadem bhala

medja semplici bejn l-efficjenza rispettiva tal-ghajnejn, izda l-efficjenza tal-ghajn it-tajba ghandha tinghata piz ta' tliet darbiet aktar minn dik tal-ghajn korruta. Il-formula tinhadem hekk: (($t$ × 3) + ($k$ × 1)) ÷ 4 fejn $t$ hija l-efficjenza tal-ghajn it-tajba u $k$ hija l-efficjenza ta' l-ghajn il-korruta.

Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono vs Malta Drydocks** (Cit. Nru. 747/96PS), deciza fis-27 ta' April 2005 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Philip Sciberras, inghad:

"In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata u b' adozzjoni ta' dan il-metodu, una volta stabbilit mill-espert mediku li l-ghajn il-leminija ghandha *efficiency rating* ta' 90% mentri dik tax-xellug hija normali u ghalhekk ghandha *efficiency rating* ta' 100%, il-formula adoperata taghti dan ir-rizultat:

(90 x 1) + (100 x 3) = 390 ÷ 4 = 97.5%. Li jfisser illi la darba l-attur ghandu *industrial efficiency* ta' 97.5% hu jigi li ghandu debilitazzjoni permanenti ta' 2.5%."

Fis-sentenza moghtija fl-1 ta' Frar, 2005 mill-Prim'Awla per Imhallef Giannino Caruana Demajo; **Nazzareno Seguna *et* vs Direttur Generali tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici**:

"Sabiex tara jekk l-attur garrabx debilità li ma jfieqx minnha, il-qorti b'digriet tas-27 t'Awissu 2001 hatret espert u dan irrelata fil-11 t'April 2002 illi l-attur ghandu debilità permanenti ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) f'ghajnu l-leminija, li tfisser debilità globali ta' ghaxra fil-mija (10%). B'nota tat-22 ta' Jannar 2004 l-espert kompla fisser kif, minn figura ta' 2% ghall-ghajn il-leminija, wasal ghall-figura globali ta' 10%.

Il-konvenut osserva li meta tkorri f'ghajn wahda
Fil-kaz tal-lum ir-rizultat jigi hekk: (100 × 3) + (75 × 1) = 375 ÷ 4 = 93.75. L-attur ghalhekk ghandu efficjenza globali ta' tlieta u disghin punt decimali sebgha hamsa fil-mija (93.75%) li tfisser debilità ta' sitta punt decimali tnejn hamsa fil-mija (6.25%).

Il-qorti tifhem illi din il-formula hija wahda generika li ma tqisx l-idjosinkraziji ta' kaz partikolari. L-espert mahtur mill-

qorti ma qiesx biss formuli astratti izda qies ukoll il-kondizzjoni partikolari ta' l-attur, u l-possibbiltà illi jkompli jmur lura. Ghalhekk lill-qorti jidhrilha illi aktar ghandha toqghod fuq il-konkluzjonijiet ta' l-espert illi wasal ghal konkluzjoni wara ezami ta' kaz partikolari milli fuq formula astratta u generika.

Il-qorti ghalhekk tghid illi l-attur ghandu debilità permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%)."

Fil-kawza deciza fit-30 ta' Marzu 1993 [1098/89JSP] moghtija mill-Imhallef J. Said Pullicino fl-ismijiet **Joseph Abela vs Martin Spagnol** gie deciz li d-dizabilita` kien ta' 22.5% f'ghajn wahda u bit-tieni ghajn tibqa' normali u mhux 40%, u fil-kawza deciza fil-5 ta' Ottubru 1993 [637/87JSP] Prim'Awla, Imhallef Joseph Said Pullicino; **Mark Caruana vs Grazio Camilleri** – 22.5% f'ghajn wahda u bit-tieni ghajn tibqa' normali u mhux 40%.

Fis-***Saggio di tabelle valutattive delle invalidita` permanenti generiche da responsabbilta` civili*** – Aldo Franchini, Medicina Legali in Materia Civile: perdita` di un occhio se sia possible la protesi estetica 25%.

Fil-kaz in ezami jekk wiehed japplika l-imsemmija formula u japplika dak li qalu Dr Fenech u Mr Vella wiehed irid jimxi kif gej:
$(12.5 \times 1) + (100 \times 3) = 312.5 \div 4 = 78.125\%$.
L-hekk imsejjha efficjenza visiva industrijali ta' l-attur hi 78.125% li jfisser dizabilita` ta' 21.875%. Meta tqis ta' Dr Bezzina ta' 16% *minimum*, il-Qorti sejra tqis il-figura ta' 19% dizabilita`.

***<u>F13. Lump Sum Payment:</u>***
L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-*lump sum payment* b'ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkunu ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:

"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-*lump sum deduction*" – **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003."

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghall-kaz in ezami l-incident gara fil-15 ta' Gunju, 1999 u s-sentenza qed tinghata tnax il-sena wara. Normalment ir-riduzzjoni kienet tkun ta' 8%. Izda fil-kaz in ezami l-attur intavola l-kawza erba' snin wara l-incident; intavola kontra Philip Chircop & Sons u b'hekk inhlew sentejn ohra; wiehed irid ihares lejn il-verbali a fol 65, 70, 113, u 194 u jara li d-dewmien ma kienx tort tal-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta' 15%.

***F14. Kunsiderazzjonijiet ohra:***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-*dependency issue* ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***F15. Likwidazzjoni ta' l-ammont ta' lucrum cessans:***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qligh medju annwali ta' l-attur [€9000] inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal €10974.

II. Irid jitqies *multiplier* ta' 13. Dan igib l-ammont ta' €142662;

III. il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 19% u ghalhekk jammonta ghal €27,105;

IV. wara jrid jitnaqqas 15% tal-*lump sum payment* u dan iwassal ghal bilanc ta' €23,039.91;

Dan kollu jista’ jigi facilitat permezz ta’ uzu ta’ “*Excel”* billi tintuza l-formola hawn taht:

| | | |
|---|---|---|
| Basic pay | B | 9000 |
| Multiplier | M | 13 |
| Lump sum payment | L | 15% |
| Dizabilita` | D | 19% |
| Gholi tal-hajja | G | 303.78 |
| | | |
| Amount due | | €23,039.91 |
| | | |

**G. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Valley View Developments Limited fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra.

Tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta’ Philip Chircop & Sons u tilqa’ l-ohrajn.

Tichad l-eccezzjonijiet ta’ Emmanuel Sciberras.

Tiddikjara li l-incident in kwistjoni, li sehh fil-15 ta’ Gunju 1999 u li b’rizultat tieghu l-attur garrab hsara permanenti f’ghajnu tax-xellug, gara minhabba negligenza, imprudenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut Emanuel Sciberras izda mhux tas-socjeta` konvenuta.

Tiddikjara li b’rizultat ta’ dan l-incident serju, l-attur sofra danni konsistenti *lucrum cessans,* u tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ €23040. Dwar *damnum emergens* ma sarux provi sufficjenti u konvincenti dwarhom.

Tikkundanna lill-konvenut Emmanuel Sciberras ihallas lill-attur l-ammont ta’ €23040.

Dwar spejjez, nofs kontra l-konvenut Emmanuel Sciberras, kwart kontra l-attur, u kwart kontra Valley View Developments Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------